Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti Istruttorja
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Awla 9

Il-Pulizija
(Spettur Nicholas Ciappara)

vs

Godfrey Ellul

Illum 23 ta' Marzu, 2001

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra 'l fuq imsemmi imputat li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer bejn it-2 ta' Marzu, 1997 u s-6 ta' Marzu, 1997 kellu fil-pussess tieghu id-droga Eroina u d-droga Kakajina specifikati fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor

bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, f'cirkostanzi tali li juru li l-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu;

Ukoll talli fl-istess zmien u cirkostanzi, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina u d-droga Kokajina, specifikati fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perlikoluzzi Kap. 101, tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew ghal uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga, u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li

jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ukoll talli fl-istess zmien u cirkostanzi, assocja ruhu ma xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex jbiegh jew jittraffika medicina f'dawn il-Gzejjer, kontra d-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromova, ikkostitwita, organizza jew iffinanzja din l-assocazzjoni, u dan bi ksur tal-Artiklu 22 (1) (f), tal-Kapitlu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ukoll talli kiser il-kundizzjonijiet tal-Artikli 5 u 9 tal-Kapitlu 152 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza simili moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), d-datata 23.07.96, Awla 9;

Ukoll talli sar recidiv skond l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi simili, moghtija lilu mill-Qrati tal-Magistrati (Malta), datati 27.05.96 Awla 8, u 23.07.96 Awla 9 u 16.01.97 Awla 9;

Il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti li barra li tapplika l-piena, stabilita mill-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-Artiklu 533 (1), tal-Kapitlu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Awissu, 1999 illi permezz tieghu l-imputat fuq imsemmi kien inghata il-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet u senjatament rat il-kundizzjoni numru tlieta (3) illi imponiet illi l-imputat ghandu jirrikaza kulljum fis-sitta ta' filghaxija u ma johrogx mid-dar tieghu qabel is-sebgha ta' filghodu l-ghada.

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Marzu, 2000 illi permezz tieghu hija kienet tat permess lill-imputat, u dan wara talba illi kien ghamel l-imputat stess permezz ta' rikors, illi bejn it-28 ta' Marzu, 2000 u l-ahhar ta' Settembru, 2000 l-imputat seta jirrikaza fl-ghaxra ta' filghaxija;

Rat ukoll id-digriet taghha tas-16 ta' Dicembru, 1999 illi permezz tieghu kienet ippermettiet lill-imputat fuq imsemmi, wkoll wara rikors li kien ipprezenta l-imputat, illi lejliet il-Milied

u lejliet l-ewwel tas-sena l-imputat kien gie ezonerat mill-obbligu ta' rikazar;

Ikkunsidrat il-fatt illi mid-data tad-digriet tal-helsien mill-arrest sal-31 ta' Jannar, 2001 l-imputat fuq imsemmi, la personalment u lanqas tramite l-Avukat Difensur tieghu qatt ma oggezzjona jew issottometta mal-Qorti illi l-kundizzjonijiet illi l-Qorti kienet imponietlu ghall-helsien mill-arrest kienu b'xi mod ingusti jew harxa u qatt ma talab varjazzjoni minnhom hlief ghaz-zewg istanzi fuq imsemmija mill-Qorti.

Illi kien biss fil-31 ta' Jannar tas-sena 2001 illi l-imputat, permezz tal-Avukat Difensur tieghu, ilmenta illi l-kundizzjonijiet illi l-Qorti kienet imponietlu meta taghtu l-helsien mill-arrest ma kienux gusti jew ma kienux ragonevoli.

Rat ir-rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija tas-27 ta' Novembru tas-sena 2000 illi permezz tieghu l-Qorti giet infurmata illi fil-lejl ta' bejn il-21 ta' Novembru, 2000 u it-22 ta' Novembru, 2000 ghall-habta ta' nofs il-lejl membri mill-iskwadra ta' kontra d-droga tal-Pulizija innottaw lil Godfrey Ellul ma tlett persuni ohrajn hergin minn karozza u dehlin fil-Brooklyn Bar, Wied il-Ghajn. Ghall-habta tas-1.30a.m. dawn l-istess persuni

twaqqfu mill-membri tal-iskwadra f'Tal-Barrani. Il-Kummissarju tal-Pulizija issottometta illi b'hekk Godfrey Ellul kien kiser wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti meta inghata l-helsien mill-arrest u precizament l-obbligu illi huwa kellu jirrikaza fid-dar tieghu f'San Giljan mhux aktar tard mis-sitta ta' filghaxija u ma johrogx minn hemm qabel is-sebgha ta' filghodu l-ghada. Il-Kummissarju tal-Pulizija gibed l-attenzjoni tal-Qorti ghall-fatt illi deher illi l-imputat Godfrey Ellul kien kiser dan l-obbligu impost fuqu mill-Qorti fil-11 ta' Awissu, 1999 u ghaldaqstant huwa talab lill-Qorti sabiex tnehhilu l-beneficcju tal-helsien mill-arrest u tordna ir-riarrest tal-imputat Godfrey Ellul skond kif hemm mahsub fl-Artikolu 579 et sequitur tal-Kodici Kriminali.

Illi l-Qorti bdiet tisma' x-xhieda tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza dwar ir-rikors imsemmi tal-Kummissarju tal-Pulizija tas-27 ta' Novembru tas-sena 2000.

Illi waqt illi l-Qorti kienet qeghda tisma din ix-xhieda u precizament waqt is-seduta tal-31 ta' Jannar, 2001 l-Avukat difensur tal-imputat ipprezenta Nota illi permezz taghha qalqal is-segwenti kwistjoni ta' natura kostituzzjonali u tad-drittijiet fundamentali :

"*Illi l-provvedimenti tal-Artikolu 579 tal-Kodici Kriminali fejn hemm li l-ksur ta' kundizzjoni meqjusa serja mill-Qorti tista tammonta ghat-telfien tal-liberta minkejja id-dewmien li jkun hemm fl-istadju tal-kumpilazzjoni jmur kontra l-Artikolu 5 (3) tal-Konvenzjoni Ewropeja meta tali kundizzjoni ma jkollix x'taqsam mad-dehra ghall-atti tal-procediment. Bl-istess mod hemm vjolazzjoni u inkompattibilita mal-istess Artikolu fl-Artikolu 381 tal-Kodici Kriminali fejn la darba il-liberta tkun revokata ma tistax tinghata mill-gdid u jkun hemm it-telfien tal-garanzija.*

*Illi l-istess vjolazzjonijiet jiksru wkoll l-Artikolu 34 (3) (b) tal-Kostituzzjoni u 34 (1) tal-istess Kostituzzjoni.*

*Illi ghalhekk jitlob referenza lill-Prim Awla tal-Qorti Civili ta' din il-kwistjoni."*

Illi l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija ipprezentaw Nota responsiva ghan-nota tal-imputat illi biha qalqal kwisjtoni ta' natura kostituzzjonali. Din in-nota giet ipprezentata fil-5 ta' Frar, 2001.

Illi permezz ta’ din in-Nota responsiva imsemmija l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija issottomettew li gja la darba it-tqanqil tal-kwistjoni hija wahda fic-cirkostanzi manifestament prematura ghaliex fl-ewwel lok il-Qorti fit-termini tal-Artikolu 579 tal-Kodici Kriminali trid tistabilixxi jekk il-ksur tal-kundizzjoni in kwistjoni u imsemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija hijiex wahda ta’ konsegwenza serja jew le issottomettew li dak it-tqanqil huwa semplicement frivolu u vessatorju fit-termini tal-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni.

Illi huma issottomettew illi fl-eventwalita l-ohra li l-Qorti tikkonkludi li l-istess ksur huwa ta’ konsegwenza serja allura skond il-Ligi ai termini tal-Artikolu 581 tal-Kodici Kriminali l-imputat ma jkunx jista jinghata mill-gdid il-beneficcju tal-helsien mill-arrest.  F’din l-istess eventwalita it-tqanqil tal-kwistjoni hija wkoll semplicement frivola u vessatorja ghaliex meta l-Ligi trid li minhabba dak il-ksur tal-kundizzjoni ta’ konsegwenza serja imputat ma jkunx jista jerga jinghata l-liberta provvizorja ir-“ratio legis” huwa fis-sens illi l-imputat ikun wera li ma jistax jigi fdat b’ebda garazija li joqghod ghal kull att tal-procediment.  U li joqghod ghal kull att tal-procediment jinkludi fost affarijiet ohra illi huwa josserva

l-kundizzjonijiet kollha imposti fuqu fl-ghoti tal-beneficcju mill-helsien mill-arrest proprju sabiex joqghod ghal kull att tal-procediment kif delineat fl-Artikolu 575 tal-Kodici Kriminali. Huwa f'dan is-sens biss li wiehed jista jifhem u japprezza li l-portata tal-Artikolu 581 tikkostitwixxi eccezzjonalment deroga partikolari mill-principju stabbilit u cioe illi l-imputat li jkun arrestat ghall-delitt jista b'talba tieghu jigi moghti l-helsien mill-arrest meta huwa jaghti garanzija tajba li jidher ghal kull att tal-process fiz-zmien u l-post li jigu lilu ordnati. Ghaldaqstant huma issottomettew illi t-tqanqil tal-kwistjoni kostituzzjonali hawn maghmula mill-imputat hija semplicement frivola u vessatorja.

Illi n-nota tad-difiza giet ittrattata ulterjorment mill-Prosekuzzjoni waqt is-seduta tal-21 ta' Frar, 2001.

Illi l-argumenti tal-Prosekuzzjoni huma s-segwenti :

Illi s-sitwazzjoni fattwali fil-prezent hija illi l-Kummissarju tal-Pulizija ghamel rikors fejn allega illi l-imputat kiser wahda jew uhud mill-kundizzjonijiet imposti fuqu meta inghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest.

Illi skond il-Prosekuzzjoni issa jezistu tlett possibilitajiet, jigifieri tlett eziti differenti ghar-rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija. L-ewwel possibilita hija illi l-Prosekuzzjoni trid tipprova attwalment illi l-imputat kiser wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti meta taghtu l-helsien mill-arrest.

Illi una volta li l-Prosekuzzjoni jirnexxilha tipprova li effettivament l-imputat kiser wahda minn dawn il-kundizzjonijiet il-Qorti ghadha zewg toroq x’tista isegwi, l-ewwel triq hija dik ikkontemplata fl-Artikolu 579 tal-Kodici Kriminali fis-sens illi jekk il-Qorti filwaqt illi tirriskontra illi kien hemm ksur ta’ kundizzjoni jew uhud mill-kundizzjonijiet tad-digriet tal-helsien mill-arrest, pero’ tasal ghall-konkluzzjoni li dan il-ksur mhuwiex ta’ konsegwenza serja, allura l-Qorti ma tordnax ir-riarrest tal-imputat. It-tieni triq illi ghandha l-Qorti hija illi jekk il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni illi kien hemm ksur ta’ kundizzjoni jew kundizzjonijiet tad-digriet tal-helsien mill-arrest u illi dak il-ksur huwa ta’ konsegwenza serja allura l-Ligi trid illi f’dak il-kaz il-Qorti tkun marbuta illi mhux biss tordna ir-riarrest tal-imputat imma espressament l-Artikolu 581 tal-Kap. 9 jipprovdi li l-imputat ma jkunx jista jerga jinghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest.

Illi l-prosekuzzjoni tissottometti illi n-Nota tal-Avukat difensur illi fiha qajjem il-kwistjoni ta' natura kostituzzjonali hija intempestiva u dana peress illi anke kif tikkontempla l-Kostituzzjoni fl-Artikolu 46 (5) peress illi wiehed ma jistax jaghmel pregudizzju f'din is-sitwazzjoni. Il-Prosekuzzjoni issottomettiet ukoll li anke jekk il-Qorti tiddeciedi li l-kundizzjoni illi kiser l-imputat hija ta' konsegwenza serja xorta wahda it-tqanqil tal-kwistjoni ta' natura kostituzzjonali hija semplicement frivola u vessatorju u dana peress illi it-tqanqil tal-kwistjoni ta' natura kostituzzjonali mill-Avukat difensur tirrigwarda eccezzjoni provduta mil-Ligi ghar-regola normali illi kull imputat skond ic-cirkostanzi qatt ma huwa imcahhad jew ipprivat b'mod definit milli jinghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest.

Illi l-prosekuzzjoni tissottometti illi l-konsegwenzi illi johorgu mill-Artikolu 581 tal-Kap 9 hija konsegwenza direttament dipendenti u attenenti mal-imputat illi kien inghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest taht certu kundizzjonijiet illi huma rikonoxxuti mhux biss mill-Kostituzzjoni imma anke mill-Konvenzjoni Ewropeja.

Illi skond il-Prosekuzzjoni una volta l-imputat kien ben konsapevoli illi kien inghatalu dan il-beneficcju tal-helsien mill-arrest taht kundizzjonijiet illi ghandhom jigu osservati strettament u skrupulozament, allura l-imputat ghandu sitwazzjoni illi hija mgharfa lilu apprijori. Huwa avvzat illi fil-kaz u fl-eventwalita li jikser xi wahda jew aktar minn dawk il-kundizzjonijiet hemm il-konsegwenzi li l-Ligi necessarjament tistabilixxi u fl-eventwalita li dak il-ksur jitqies ta' konsegwenza serja, **u f'din l-eventwalita biss**, l-imputat jerga jigi arrestat u ma jistax jerga jinghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest.

Illi s-sottomissjoni tal-Prosekuzzjoni hija fis-sens illi l-Artikolu 581 tal-Kap. 9 jittratta dwar konsegwenza serja hafna ghall-ksur ta' imputat ta' wiehed mill-kundizzjonijiet tad-digriet tal-helsien mill-arrest, liema ksur jitqies mill-Qorti li huwa ta' konsegwenza serja. Skond il-Prosekuzzjoni din il-konsegwenza hija proporzjonata minhabba li qeghdin nitkellmu f'ipotesi ta' ksur ta' kundizzjoni li hija ta' konsegwenza serja u dana peress illi fil-qosor l-imputat ikun kiser affidament reciproku bejnu u bejn il-Qorti.

Illi l-Prosekuzzjoni ghamlet referenza ghas-sentenzi moghtija mill-Qorti Ewropeja fl-ismijiet "Branningan and McBride vs The

United Kingdom", "The Lawless Judgement" datat l-1 ta' Lulju, 1961, "Engel and others" datat 8 ta' Gunju, 1978 u "O'Neill and Evans vs United Kingdom" decizzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Marzu, 1991.

Illi minn naha taghha id-difiza ghamlet referenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropeja ghad-drittijiet umani fl-ismijiet "Jablonski vs Poland" tal-21 ta' Dicembru tas-sena 2000.

Illi l-Prosekuzzjoni issottomettiet ulterjorment b'referenza ghat-tlett sentenzi ikkwotati minnha, tnejn minnhom tal-Qorti Ewropeja u wahda minnhom tal-Kummissjoni Ewropeja, illi ghalkemm tnejn minnhom forsi huma pjuttost antiki, b'dana kollu l-validita tal-enunzjazzjoni tal-Qorti Ewropeja ghadha attwalment applikabbli specjalment ghall-kwistjoni li ghandha quddiemha il-Qorti.  In sintezi l-Prosekuzzjoni qalet li jekk wiehed jigbor u jipprova jaghmel riassunt fuq il-principji u l-interpretazzjoni stabbiliti f'dawn it-tlett decizzjonijiet wiehed jista anke jkompli jissimplifika l-kwistjoni billi huwa stabbilit u accettat mill-istess Konvenzjoni Ewropeja illi inti jista jkollok mhux biss stat ta' arrest indefinit ta' persuna, imma anke ordni ta' riarrest tal-istess persuna li tkun inghatat il-beneficcju

tal-helsien mill-arrest fl-ipotesi partikolari u espressament stabbilita fl-istess konvenzjoni u dana meta jkun hemm bniedem illi naqas "to fulfil a legal obligation". F'dan is-sens il-Prosekuzzjoni issottomettiet illi l-imputat meta qaghad u iffirma ghall-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest moghtija lilu minn din il-Qorti din hija speci ta' obbligazzjoni legali illi huwa dahal ghaliha pjenament konsapevoli u ghalhekk legalment u logikament irid ikun hemm necessarjament konsegwenzi komminati mil-ligi f'kaz li jkun hemm nuqqas ta' "fulfilment" ta' dik il-"legal obligation". Huwa ghamel f'dan ir-rigward referenza ghas-sentenzi citati minnu tal-Qorti Ewropeja. Il-Prosekuzzjoni issottomettiet ulterjorment illi dak li johrog mill-kumpless tat-tlett sentenzi ikkwotati minnha huwa illi mhuwiex eskluz u ma jkun hemm l-ebda vjolazzjoni jekk effettivament wahda minn dawn il-mizuri komminati mil-ligi proprju minhabba "the failure to fulfil a legal obligation" jerga jkun hemm ordni mill-Qorti ta' riarrest ta' imputat ghal zmien indefinit u fil-kaz taghna dan johrog car mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 581 tal-Kodici Kriminali. Ghaldaqstant il-Prosekuzzjoni issottomettiet illi l-kwistjoni Kostituzzjonali sollevata mill-imputat hija mhux biss fattwalment infondata, imma anke legalment u certament 'prima facie' hija semplicement frivola u vessatorja. Il-Prosekuzzjoni ghamlet

ukoll referenza ghall-Artikolu 574 tal-Kodici Kriminali dwar il-kundizzjonijiet li huma intizi biex jassiguraw il-prezenza ta' imputat ghal kull att tal-procediment. Il-kundizzjonijiet kontemplati espressament fl-Artikolu 579 tal-Kodici Kriminali huma intizi biex wiehed ikompli jassigura l-prezenza tal-imputat ghal kull att tal-procediment.

Illi s-sottomissjonijiet tad-difiza f'dan ir-rigward huma in succint is-segwenti :

Id-difiza issottomettiet illi dan mhuwiex kaz fejn l-imputat ghandu "a legal obligation", peress illi "a legal obligation" trid tohrog mil-Ligi. Id-difiza issottomettiet illi l-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti ghall-ghoti tal-helsien mill-arrest ma jistghux iwasslu ghat-telfien mill-helsien mill-arrest ta' imputat, imma se mai jistghu iwasslu biss ghal mizuri ta' dixxiplina kontra l-imputat. U f'dan l-isfond l-Avukat difensur tal-imputat rega ghamel ir-referenza ghas-sentenza ikkwotata minnu "Jablonski vs Poland" u skond hu f'dik is-sentenza l-Qorti Ewropeja titkellem car u tond x'ghandhom ikunu l-kundizzjonijiet u x'ghandu jkun l-iskop ta' dawk il-kundizzjonijiet.

Illi fil-kaz "Jablonski vs Poland" deciz mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet Umani fil-21 ta' Dicembru tas-sena 2000 Jablonski kien allega, inter alia, ksur tal-Artikolu 5 subartikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Il-perjodu illi kellha tqis il-Qorti Ewropeja ghall-fini sabiex tistabilixxi jekk kienx hemm ksur tal-Artikolu 5 (3) tal-Konvenzjoni Ewropeja kien dak ta' tlett snin, disa xhur u seba u ghoxrin gurnata. Jablonski issottometta illi d-detenzjoni tieghu kienet eccessivament twila u illi l-Awtoritajiet kienu naqsu milli jaghtu ragunijiet validi ghal dan il-perjodu twil ta' detenzjoni. Il-Qorti ikkonkludiet illi l-kwistjoni dwar jekk perjodu ta' detenzjoni huwiex ragonevoli jew le ma jistax jigi meqjus fl-astratt u kull kaz irid jitqies skond ic-cirkostanzi specjali illi jikkoncernaw kull kaz. F'dan ir-rigward il-Qorti qalet hekk.

*"Continued detention can be justified in a given case only if there are specific indications of a genuine requirement of public interest which, notwithstanding the presumption of innocence, outweighs the rule of respect for individual liberty laid down in Article 5 of the Convention".*

Il-Qorti osservat ukoll illi skond l-Artikolu 5 (3) tal-Konvenzjoni Ewropeja l-Awtoritajiet, meta jigu biex jiddeciedu jekk persuna ghandhiex tigi mizmuma taht arrest jew rilaxxjata pendenti illi

tinghata decizzjoni, huma obbligati illi jikkunsidraw mizuri alternattivi sabiex jassiguraw illi imputat jidher ghal kull att tal-procediment. Sa kemm jigi dikjarat hati imputat ghandu jigi presunt li huwa innocenti u l-iskop tal-Artikolu 5 (3) huwa sabiex jassigura illi imputat jigi rilaxxjat temporanjament una volta l-arrest tieghu ma jibqax wiehed ragonevoli. Il-Qorti iddecidiet illi f'dan il-kaz specifiku l-Qrati Nazzjonali ma kienux qiesu mizuri ohrajn illi setghu jassiguraw illi l-imputat jidher ghal kull att tal-procediment u minflok huma zammewh taht arrest. F'dan il-kaz u fic-cirkostanzi specjali ta' dan il-kaz il-Qorti kienet tal-opinjoni illi d-detenzjoni tal-imputat ma setghetx tigi meqjusa bhala necessarja sabiex jigi assigurat illi l-imputat jidher ghal kull att tal-procediment.

Ghaldaqstant il-Qorti iddecidiet illi kien hemm vjolazzjoni f'dan il-kaz tal-Artikolu 5 (3) tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Illi l-Qorti tosserva illi meta l-Avukat difensur tal-imputat ipprezenta n-nota imsemmija illi permezz taghha qanqal kwistjoni ta' natura kostituzzjonali dan kien gara precizament waqt is-seduta tal-31 ta' Jannar, 2001, is-seduta illi bdiet fis-6.00p.m. ta' dik il-gurnata, waqt illi l-Qorti kienet qeghda tisma x-xhieda dwar ir-rikors ipprezentat mill-Kummissarju

tal-Pulizija illi permezz tieghu allega li l-imputat kien kiser wahda mill-obbligazzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti meta inghata l-helsien mill-arrest.

Il-Qorti tosserva illi hija ghadha lanqas biss ippronunzjat ruhha dwar jekk l-imputat kisirx jew le xi obbligazzjoni imposta minnha fid-digriet tal-helsien mill-arrest.

Illi ovvjament una volta li l-Qorti ghadha lanqas ippronunzjat ruhha dwar jekk kienx hemm ksur jew le ta' wahda mill-obbligazzjonijiet imposti fuq l-imputat mill-Qorti ghall-helsien mill-arrest, il-Qorti lanqas ma ippronunzjat ruhha dwar jekk tali ksur, jekk kien hemm ksur, kienx ta' konsegwenza serja u allura f'dan il-kaz il-Qorti tordna ir-riarrest tal-imputat.

Illi ma kien hemm l-ebda dikjarazzjoni mill-Prosekuzzjoni u lanqas mid-difiza illi huma ma kellhomx aktar provi xi jresqu fir-rikors imsemmi ipprezentat mill-Kummissarju tal-Pulizija u wisq anqas ma saret l-ebda trattazzjoni finali dwar dan ir-rikors.

Illi ghaldaqstant il-Qorti tara illi ghandu ragun l-Avukat Generali illi jghid illi t-tqanqil tal-kwistjoni ta' natura kostituzzjonali hija fic-cirkostanzi manifestament prematura u dana peress illi l-Qorti ghadha ma stabilixxitx jekk il-ksur, jekk kien hemm ksur tal-kundizzjoni in kwistjoni kienitx ta' konsegwenza serja jew le.

Ghaldaqstant it-tqanqil tal-kwistjoni huwa semplicement frivolu u vessatorju fit-terminu tal-Artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 (3) tal-Kap. 319.

Ghaldaqstant il-Qorti sejra tkompli tisma x-xhieda dwar ir-rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija u sussegwentement sejra tisma wkoll it-trattazzjoni finali ta' dan ir-rikors u fl-eventwalita illi issib li kien hemm ksur u illi tali ksur kien ta' konsegwenza serja il-Qorti sejra taghti kull facilita lill-imputat illi jerga iqajjem il-kwistjoni f'dak l-istadju peress illi f'tali cirkostanzi it-tqanqil tal-kwistjoni imsemmija certament ma jkunx prematur.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur

Vera kopja,

Deputat Registratur